MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 2806/1998/1

**ATLAS INSURANCE AGENCY LIMITED** bħala aġenti tas-Soċjeta' estera Guardian Royal Exchange Assurance p.l.c. surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Outline Limited

vs

**JOHN RIPARD & SON LTD.** bħaħa aġenti tas-soċjeta' estera Delamode International, trasportaturi tal-merkanzija *de qua* fuq il-bastiment *Ville De Mimosa* u bħala operaturi ta' *bond* privat

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-23 ta' Diċembru, 1998, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-kumpannija attriċi *nomine* talbet li l-Qorti ssib lill-kumpannija mħarrka, f'xi waħda mill-kwalita' tagħha msemmija, (i) responsabbli għall-ħsara li saret lill-merkanzija miġjuba f'Malta mill-assikurat tagħha fuq il-bastiment "*Ville De Mimosa*", liema ħsara telgħet għas-somma ta' ħames mija u sitta u sittin lira Maltija u ħamsin ċenteżmi (Lm 566.50)[1] u li tagħha għamlet tajjeb lill-assikurata tagħha billi ikkumpensatha għal dik il-ħsara, u (ii) li tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallasha dik is-somma bħala danni, li minnhom is-somma ta' tnejn u disgħin lira Maltin (Lm 92) jirrappreżentaw *survey fees*, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ minn dak inhar li l-istess kumpannija mħarrka laqgħet in-notifika tal-Att taċ-Ċitazzjoni. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fis-27 ta' April, 1999, bħala l-operatur tal-*bond* privat li biha laqgħet għat-talbiet attriċi billi qalet li t-talbiet attriċi ma jmisshomx jintlaqgħu għaliex hija wasslet il-merkanzija fl-istess stat li kienet laqgħetha għandha, kif joħroġ mill-irċevuta mogħtija lilha mal-konsenja;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fis-27 ta' April, 1999, bħala r-rappreżentant tal-kumpannija barranija Delamode International li biha laqgħet għat-talbiet attriċi billi qalet li t-talbiet attriċi ma jmisshomx jintlaqgħu għaliex hija wasslet il-merkanzija fl-istess stat li kienet laqgħetha għandha, kif joħroġ mill-irċevuta mogħtija lilha mal-konsenja;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-22 ta' Novembru, 1999[2], li bih ħatret lill-Avukat Dottor Maria

[1] Li jġibu € 1,319.59 fi flus tal-lum
[2] Paġ. 35 tal-proċess

Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tiġbor il-provi dwar il-każ;

Rat ix-xhieda miġbura mill-imsemmija Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Marzu, 2004, li bih tat lill-partijiet il-fakulta' li jressqu s-sottomissjonijiet tal-għeluq tagħhom permezz ta' Noti ta' Sottomissjonijiet;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fl-20 ta' April, 2004[3];

Rat illi l-kumpannija attriċi naqset li tressaq in-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha minkejja li ngħatat żmien twil biex tagħmel dan;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għad-danni minħabba ħsara mġarrba minn merkanzija li kienet qiegħda tinġarr fuq bastiment. Il-kumpannija attriċi hija aġent f'Malta tal-kumpannija assikuratriċi ta' kumpannija Maltija li ġabet f'Malta kunsinna ta' ħwejjeġ tal-ilbies li, meta twasslet għandha, irriżulta li kien fiha nuqqasijiet. Billi l-kumpannija assikuratriċi għamlet tajjeb għall-ħsara mġarrba mill-kumpannija importatriċi, il-kumpannija attriċi qegħda tressaq talba kontra l-kumpannija mħarrka – kemm bħala aġenta tal-kumpannija li ġarret il-merkanzija u kif ukoll fil-kwalita' tagħha ta' operatriċi tal-*bond* fejn il-merkanzija nżammet sa ma nħelset – biex tiġi dikjarata responsabbli għall-ħsara mġarrba mill-assikurata u biex tħallasha d-danni mġarrba, flimkien man-nefqa ta' rapport ta' *survey* li

[3] Paġġ. 81 – 4 tal-proċess

sar biex tistħarreġ is-siwi tat-talba tal-kumpannija assikurata;

Illi għal din l-azzjoni, il-kumpannija mħarrka (dejjem fiż-żewġ kwalitajiet li taħthom tħarrket) laqgħet billi qalet li ma kienet taħti bl-ebda mod għal dak li seta' seħħ għaliex hija għaddiet lill-kumpannija importatriċi l-merkanzija fl-istat li kienet fiha meta waslet għandha, u dwar dan l-istess kumpannija importatriċi assikurata kienet ħallitilha riċevuta;

Illi mill-provi mressqin fl-atti tal-kawża jirriżulta li l-merkanzija li tifforma l-mertu tal-azzjoni attriċi waslet f'Malta fis-26 ta' Diċembru, 1997, abbord il-bastiment *M.v. Ville de Mimosa*. Il-merkanzija kienet tikkonsisti fi sbatax-il (17) kartuna mimlijin bi ħwejjeġ ta' l-ilbies u żraben għall-valur fatturat ta' ftit aktar minn sitt elef mitejn u tnejn u erbgħin lira Sterlina (£Stg 6,242.27)[4]. Il-konsenja kienet tagħmel parti minn konsenji oħrajn li nġarru ġo kontejner (Numru ECMU 1097715) taħt arranġament ta' "*groupage*" li tgħabba abbord fil-port ta' Felixstowe, fir-Renju Unit, fit-18 ta' Diċembru, 1997, mnejn baħħar il-bastiment. Dwar il-ġarr tagħha nħarġet polza ta' tagħbija[5];

Illi l-merkanzija waslet fil-Port Ħieles f'Malta fis-26 ta' Diċembru, 1997, u mal-wasla, l-*container* ittieħed ġo maħżen ("*bond*") f'Ħal Far, immexxi mill-kumpannija mħarrka. Meta l-merkanzija tniżżlet minn fuq il-bastiment, fit-30 ta' Diċembru, 1997, inħarġet *Groupage Manifest*[6], li fuqha saru rimarki fis-sens li mill-imsemmija kunsinna ta' 17-il kartuna, instab li f'sitta minnhom kien hemm "*re-taping*", filwaqt li tlieta oħrajn instabu miftuħin. Fil-5 ta' Jannar, 1998[7], il-kumpannija mħarrka bagħtet tgħarraf lill-kunsinnatarja li l-merkanzija waslet u setgħet tiġborha wara li tħallas it-tariffi msemmija. Il-merkanzija kienet rilaxxata mill-awtoritajiet doganali f'Malta mill-istess *bond* fis-7 ta' Jannar, 1998. Peress li l-kunsinnatarja sabet xi nuqqas ("*short delivery*") fil-kunsinna meta twasslet fil-maħżen tagħha, bagħtet tgħarraf lill-kumpannija attriċi

---

[4] Dok "B", f'paġġ. 7 sa 18 tal-proċess
[5] Nru. MAL00500
[6] Dok "JT", f'paġġ. 48 - 9 tal-proċess
[7] Dok "Ċ", f'paġ. 19 tal-proċess

assikuratriċi tagħha. Din bagħtet *surveyor* tagħha fis-16 ta' Frar, 1998[8];

Illi f'Lulju tal-1998, il-kumpannija attriċi assikuratriċi għamlet tajjeb għal din il-ħsara u ħallset lill-importatriċi assikurata, li, min-naħa tagħha, issurrogatha fil-jeddijiet tagħha[9]. Il-kawża nfetħet fit-23 ta' Diċembru, 1998;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ</u>, dawn iduru b'mod partikolari mal-kwestjoni tar-responsabbilta' għall-ħsarat reklamati mill-assikurat tal-kumpannija attriċi. Il-kwestjoni li dwarha l-partijiet baqgħu ma waslux fi qbil hija li l-kumpannija mħarrka, fiż-żewġ kwalitajiet li taħthom tħarrket, tiċħad li hija għandha twieġeb għal dak li ġara lill-merkanzija. Jidher li hija toħloq dubju dwar kemm huwa minnu li l-ħsara reklamata mill-kumpannija assikurata ġrat tassew;

Illi l-Qorti tqis li l-kumpannija mħarrka tistrieħ fuq żewġ argumenti fid-difiża tagħha biex twarrab minn fuqha r-responsabbilta' tal-ħsara li irriżultat: l-ewwel argument hu li (a) l-kumpannija attriċi naqset li tipprova kif imiss li r-responsabbilta' għal dak li seta' seħħ taqa' fuq il-kumpannija mħarrka fiż-żewġ kwalitajiet li taħthom tħarrket u dan l-aktar għaliex il-kumpannija attriċi naqset li tressaq bi prova dokumenti meħtieġa biex turi f'liema kundizzjoni tgħabbiet u nġarret il-merkanzija; it-tieni argument hu li (b) li hija ma setgħetx tkun miżmuma responsabbli għall-kundizzjoni tal-merkanzija sakemm damet taħt il-kontroll tagħha ladarba hija għaddietha lill-kunsinnatarja fil-kundizzjoni li kienet irċevietha;

Illi **dwar l-ewwel argument**, il-Qorti tqis li l-qafas tal-prinċipju ġenerali hu li l-vettural, bħala depożitarju tal-merkanzija li jkun intalab iġorr, huwa responsabbli li jikkonsenja l-merkanzija bla ħsara lid-destinatarju jew lil min sejjer jilqagħha f'ismu[10]. Iżda, jaqa' fuq min jallega li jkun ġarrab ħsara fil-ġarr ta' dik il-merkanzija li jkun ġab

[8] Dok "D", f'paġġ. 20 – 1tal-proċess
[9] Dok "E", f'paġ. 22 tal-proċess
[10] P.A. TM **13.6.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Simon Micallef Stafrace noe vs James Gollcher et noe***

minn barra l-pajjiż il-piż li jipprova r-responsabbilta' tal-parti li huwa jkun ħarrek għall-ħlas tal-kumpens;

Illi f'każijiet bħal dawn l-istħarriġ tal-pretensjonijiet attriċi jiddependi wisq minn kemm id-dokumenti li jixhdu l-ġrajja tat-traġitt għandhom jitwemmnu. Dan jingħad għaliex dawk id-dokumenti, ġeneralment, ikunu saru fil-ħin tal-ġrajja partikolari u jkunu għalhekk mistennija li jservu bħala dokumentarju ta' dawk il-ġrajja[11]. Kif ingħad b'awtorita' kostanti[12], it-tiftix għar-responsabbilta' f'każijiet ta' *claims* dwar merkanzija tintrabat ma' żewġ waqtiet fokali: l-ewwel huwa dak il-waqt meta l-merkanzija tinħatt minn fuq il-bastiment (liema operazzjoni tiġi normalment riflessa fit-*tally sheet*) u t-tieni waqt huwa dak meta l-merkanzija tinħeles favur l-importatur jew destinatarju tal-merkanzija (liema operazzjoni tiġi normalment riflessa fil-*Gate Pass-out*). Id-dokumenti li jintagħmlu f'dawn iż-żewġ waqtiet importanti ġeneralment jitqiesu bħala deċiżivi u jorbtu lill-partijiet kollha fil-kawża bid-dmir li, fil-waqt attwali, jikkontrollaw u jippreċiżaw l-istat ta' fatt tal-merkanzija b'mod dirett għaliex ikunu involuti fih[13];

Illi l-imsemmija dokumenti jagħmlu prova qawwija u ta' min joqgħod fuqha ta' dak li jgħidu, imma hija prova *juris tantum* u mhux irribattibbli[14] li tista' titwaqqa' biss bi provi oħrajn daqstant qawwija. Għalhekk, dawn id-dokumenti ma jistgħux jitwarrbu fuq sempliċi konġettura, jew taħt l-iskuża li jkunu saru b'għaġġla u nuqqas ta' reqqa[15], jew bi provi li jitnisslu wara ż-żmien li għalihom dawk id-dokumenti jirreferu[16]. Fuq kollox, l-imsemmija dokumenti jridu jkunu mera tal-proċess tal-ġarr tal-merkanzija li għalih jirreferu u jippruvaw, għalhekk, l-istat ta' dik il-merkanzija f'kull waqt determinanti tal-vjaġġ sal-konsenja lill-importatur[17];

---

[11] App. Kumm. **6.6.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***David Curmi noe Carmel Mallia et noe*** (mhix pubblikata)
[12] Ara, per eżempju, P.A. PS **18.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Simon Micallef Stafraċe noe vs Godwin Abela et noe*** fost l-oħrajn.
[13] App. Kumm. **20.4.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Gatt noe vs Sciberras noe et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.903**)
[14] P.A. PS **28.4.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Galdes noe et vs Godwin Abela noe et***
[15] App. Ċiv. **12.6.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Formosa & Camilleri Ltd. noe vs SeaMalta Co Ltd. et***
[16] App. Kumm. **20.4.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Gatt noe vs Sciberras noe*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.903**)
[17] App. Ċiv. **19.5.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Giovanni Griscti noe vs John Cooper noe et*** (mhix pubblikata)

Illi fil-każ tal-lum huwa minnu li ma tressqet l-ebda kopja tal-polza tat-tagħbija li tirrigwarda l-merkanzija mertu tal-kawża. Ingħad[18] li dan ma kien ikun tal-ebda fejda ladarba l-merkanzija nġarret flimkien ma' merkanzija ta' ħaddieħor u għalhekk il-kundizzjoni tal-merkanzija tal-assikrat ma tkunx imniżżla fl-imsemmija polza. Iżda kopja ta' dik il-polza kienet tkun ta' għajnuna kbira biex, għall-anqas, wieħed jara jekk kemm-il darba kienx hemm imniżżlin fuqha xi rimarki jew tagħrif ieħor dwar l-istat tal-merkanzija li tgħabbiet fil-*container*;

Illi xhud tad-Dwana[19] seħaq li wieħed irid joqgħod fuq ir-*release order* li tinħareġ mid-Dipartiment biex jara f'liema kundizzjoni kienet il-merkanzija meta nħattet u qabel ma ngħatat lill-kunsinatarju, u dan għaliex huwa f'dak id-dokument li jsir notament tal-ħsarat jew nuqqasijiet fil-merkanzija u tingħata kopja tiegħu lill-kunsinnatarju nnifsu qabel ma l-merkanzija tinħeles biex tista' tittieħed minnu;

Illi jidher mill-provi mressqa li hemm dokument wieħed – il-*groupage manifest*[20] – li jagħti ħjiel li l-merkanzija miġjuba Malta mill-assikurata tal-kumpannija attriċi kien fiha nuqqasijiet. Minn dan id-dokument jidher li fuqu sar notament li juri li, sewwasew dwar il-kunsinna ta' 17-il kartuna li ġabet f'Malta Outline Limited, sitta kienu *re-taped* u 3 oħrajn kienu nstabu miftuħin. Dan huwa dokument li jsir fuq formola uffiċjali tad-Dipartiment, ikun iffirmat minn rappreżentant tal-operatur (f'dan il-każ, il-kumpannija mħarrka) u rappreżentant tad-Dipartiment tad-Dwana u għandu xebh ma' *tally sheet*, għaliex minbarra li fuqu jitniżżlu kummenti dwar il-merkanzija li tkun qiegħda tinħatt minn *container*, jirrappreżenta wkoll stampa tal-qagħda li tirriżulta meta l-merkanzija tkun inħattet fil-*bond* mnejn jgħaddi biex jirtiraha l-kunsinnatarju tagħha. L-imsemmi dokument sar erbat ijiem wara li l-*container* wasal Malta u sebat ijiem qabel ma l-kumpannija assikurata laqgħet għandha l-merkanzija;

[18] Xhieda ta' Lucienne Ċini 5.11.2002 u ta' Michael Buttiġieġ 24.1.2003, f'paġġ. 61 u 65 tal-proċess
[19] Xhieda ta' Carmel Micallef 10.4.2003, f'paġ. 71 tal-proċess
[20] Dok "JT", f'paġġ. 48 – 9 tal-proċess

Illi fil-fehma tal-Qorti, l-imsemmi dokument għandu jitfa' dawl siewi fuq il-każ li għandha quddiemha. Fl-ewwel lok, juri li meta l-kartun bil-merkanzija nħareġ mill-*container* mhux kollox kien ward u zahar: kemm hu hekk, hemm notament li juri li l-kundizzjoni tal-kartuniet kienet waħda kompromessa. Hemm xhieda fl-atti[21] li tgħid li wħud mill-kartuniet kienu "sfrundati" u li din ma kinitx l-ewwel darba li xogħol ta' Next Outline Limited kien wasal f'dik il-qagħda. Fit-tieni lok, għalkemm ir-rimarka m'hijiex inizjalata, tixhed li saret mal-ftuħ tal-*container* u mal-ħatt minnu tal-merkanzija, u hemm indikazzjoni ċara li l-istess rimarka nkitbet mill-istess persuna li kienet iffirmat għall-operatur (jiġifieri għall-kumpannija mħarrka). Fit-tielet lok, jekk inhu minnu li l-qagħda tal-kartuniet bil-merkanzija kienet dik li, minn 17-il kartuna, 9 kienu mittiefsa, dan iġib fix-xejn id-dikjarazzjoni pre-stampata tal-*cargo receipt* imressqa mill-kumpannija mħarrka li tgħid li l-kunsinnatarju kien aċċetta li l-merkanzija twasslitlu f'kundizzjoni tajba. Fir-raba' lok, id-dokument innifsu tressaq fl-atti tal-kawża minn rappreżentant tal-kumpannija mħarrka u dan ifisser li sa dak inhar li tressaq fl-atti kien taħt il-kustodja tagħha;

Illi l-kumpannija mħarrka tittanta tqajjem dubju wkoll dwar jekk huwiex minnu li l-kumpannija kunsinnatarja assikurata kellha l-ħsarat li tallega. Dan tagħmlu billi tikkummenta li s-*survey* sar aktar minn xahar wara li l-kunsinnatarja kienet laqgħet għandha l-merkanzija. Din il-Qorti tara li hija ċirkostanza kemmxejn anomala li l-kumpannija kunsinnatarja irrapportat in-nuqqasijiet lill-kumpannija attriċi aktar minn xahar wara li ħadet il-kunsinna, iżda dan ma jxejjinx il-fatt li wħud mill-kartuniet bil-merkanzija kienu tassew bi ħsara fihom meta nħarġu mill-*container*. Minbarra dan, ladarba l-azzjoni tal-lum qiegħda ssir mill-kumpannija assikuratriċi u mhux mill-kunsinnatarja, wieħed m'għandux jippresumi li s-soċjeta' assikuratriċi kienet sejra taċċetta l-*claim* tal-assikurata tagħha b'mod leġġer bla ma tagħmel il-verifiki meħtieġa[22]. Wara li l-Qorti fliet u qabblet mill-aħjar li setgħet ir-rapport

[21] Xhieda ta' Joseph Theuma 16.4.2002, f'paġ. 53 tal-proċess

[22] App. Ċiv. **29.10.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Feliċe Paċe noe et vs Abela noe et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.ii.526**) u P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Reginald Micallef et noe vs Godwin Abela et noe*** fost l-oħrajn

tas-*surveyor* (Dok "D") mal-fattura tal-kunsinna sħiħa li turi x'kien hemm fis-sbatax-il kartuna (Dok "B"), sabet li l-ħwejjeġ misjuba nieqsa jikkorrispondu mal-kontenut ta' wħud mill-imsemmija kartuniet li jinġabru f'għadd ta' kartuniet li, b'xi mod jew ieħor, deher li kienu mimsusa meta nħattew mill-*container*;

Illi għal dawn ir-raġunjiet, il-Qorti ssib li l-kumpannija attriċi seħħilha tipprova kif jixraq il-ħsara li hija għamlet tajjeb għaliha lill-kumpannija kunsinnatarja assikurata tagħha;

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-kumpannija attriċi ħallset lill-assikurata tagħha s-somma li ħarġet mis-*survey* u dwar dan il-ħlas l-istess kumpannija assikurata issurrogat lill-kumpannija attriċi fil-jeddijiet tagħha;

Illi għalhekk imiss li wieħed iqis il-**kwestjoni tar-responsabbilta'**. Kif ingħad, il-kumpannija mħarrka tħarrket f'żewġ vesti: dik ta' aġent tat-trasportaturi Delamode International, u l-oħra bħala operatriċi tal-*bond* fejn inżammet il-merkanzija minn x'ħin inħattet mill-*container* sa ma twasslet lill-kunsinnatarja;

Illi l-Qorti taqbel mal-kumpannija mħarrka li, safejn hija tinsab imħarrka bħala operatriċi tal-*bond* fejn inżammet il-merkanzija, l-kumpannija attriċi naqset li turi kif meħtieġ li t-telf fil-merkanzija seħħ fiż-żmien ta' ftit jiem li l-merkanzija kienet f'dak il-*bond*. Ma tressqet l-ebda prova li turi li kien hemm xi serq jew tbagħbis mal-merkanzija minn x'ħin inħattet mill-*container* sa ma ngħatat lill-kunsinnatarja. Il-piż ta' dik il-prova kien fuq il-kumpannija attriċi u provi f'dan is-sens ma nġabux 'il quddiem. Huwa minnu li l-kumpannija attriċi setgħet straħet fuq il-fatt li l-kumpannija mħarrka kienet imfittxija taħt żewġ kpiepel differenti, u għalhekk kien jidhrilha li jkun biżżejjed li "torbotha" taħt imqar wieħed minnhom. Iżda xorta waħda għażlet li tħarrikha b'mod distint, u dan kien jitlob li ssir il-prova xierqa mill-attriċi dwar kull waħda mill-attributi li hija xliet bihom lill-parti mħarrka;

Illi għalhekk il-Qorti ssib li hija mistħoqqa l-eċċezzjoni tal-kumpannija mħarrka safejn tinsab imħarrka bħala operatriċi tal-*bond* privat u sejra tilqagħha;

Illi l-kwestjoni dwar ir-responsabbilta' tal-kumpannija mħarrka bħala aġent tat-trasportaturi tal-merkanzija titlob ftit aktar reqqa. Kif ingħad, fl-atti tal-kawża ma hemm l-ebda kopja tal-polza ta' tagħbija li minnha wieħed seta' jislet tagħrif dwar qsim ta' responsabbiltajiet jew eżoneri dwar il-merkanzija, minbarra xi rimarki partikolari dwar il-qagħda tal-merkanzija meta tgħabbiet fil-*container*. Il-fatt li ma tkunx inġiebet bi prova l-imsemmija polza ma jissarrafx minnufih fiċ-ċaħda tal-prova ta' dak li jkun tgħabba fuq il-bastiment, jekk dan il-fatt jirriżulta minn għajn ieħor ta' prova[23]. Fil-każ tal-lum, hemm dokument – il-*packing list*[24] – li juri fiex kienet tikkonsisti l-konsenja kollha li ntbagħtet fis-sbatax-il kartuna msemmija. Dan id-dokument isemmi waħda waħda l-partiti tal-merkanzija li ntbagħtet u l-għadd ta' kull waħda. Huwa dokument li l-kumpannija assikurata ressqet ukoll għall-approvazzjoni tal-awtoritjiet doganali f'Malta dak inhar li marret biex tirtira l-merkanzija u saħansitra l-istess dokument iġorr timbru uffiċjali tad-Dipartiment tad-Dwana. Fuq kollox, l-imsemmi dokument fih dikjarazzjoni li l-għadd u n-natura tal-merkanzija mibgħuta huma kif fih dikjarati;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, dan id-dokument joħloq preżunzjoni li dak li jissemma fih għandu mis-sewwa u jgħid x'kienet il-merkanzija li ttellgħet abbord fil-*groupage container* li wassalha f'Malta. Jekk kemm-il darba kien hemm xi diskrepanza fl-għadd jew fil-kundizzjoni li fih tgħabbiet il-merkanzija, kienet ir-responsabbilta' tat-trasportatur li juri li l-kunsinna kienet mittiefsa jew li kellha xi tbagħbis apparenti qabel ma laqagħha għandu biex iġorrha lejn Malta. F'tali nuqqas, huwa meqjus li l-merkanzija għaddiet taħt il-kontroll tat-trasportatur f'qagħda tajba u fil-għadd kollu tagħha bla nuqqasijiet ta' xejn[25]. B'rabta mar-regola ġenerali[26] li trid li kulħadd iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu, kien jaqa' fuq il-kumpannija mħarrka (bħala

[23] P.A. TM **13.6.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef Stafraċe noe et vs Gollcher noe et***
[24] Dok "B", f'paġ. 7 sa 18 tal-proċess
[25] App. Inf. **28.11.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Gaffarena vs Sullivan Maritime Ltd. noe et***
[26] Art. 1031 tal-Kap 16

aġent tat-trasportatur) li tfisser kif merkanzija li ttellgħet f'*container* bla nuqqasijiet tniżżlet minnu bin-nuqqasijiet imsemmija fil-manifest hi u tinħatt l-istess merkanzija;

Illi dan kollu jwassal lill-Qorti għall-fehma li l-kumpannija mħarrka, bħala aġent tat-trasportatur, għandha twieġeb għall-għamil tagħha u ghalhekk għall-ħsara li nstab li ġarrbet il-kumpannija assikurata mal-kumpannija attriċi;

Illi għal dak li jirrigwarda l-**likwidazzjoni tal-ammont risarċibbli**, jrid jingħad li l-kumpannija attriċi nnifisha tiddikjara li s-somma li qiegħda titlob fl-att promotur jgħodd fih in-nefqa tagħha biex sar is-*survey*. Kemm hu hekk, hija tgħid li dik in-nefqa kienet ta' tnejn u disgħin lira Maltin (Lm 92)[27]. Il-Qrati tagħna f'kawżi bħal dawn, normalment, iqisu dawn l-ispejjeż minfuqin biex isir rapport ta' *surveyor* bħala ħlas meħtieġ biex jista' jiġi stabilit id-dannu mġarrab mill-assikurat[28]. Iżda huwa wkoll stabilit li t-talba għall-ħlas tal-ispejjeż tar-rapport tas-*surveyor* ma tistax titqies bħala parti mill-jeddijiet li fihom il-kumpannija assikuratriċi tiġi surrogata fil-jeddijiet tal-assikurat tagħha, għaliex is-*survey* ma jħallasx għalih ir-riċevitur assikurat[29]. Għalhekk, dawn l-ispejjeż jistgħu jintalbu mill-kumpannija assikuratriċi biss jekk iseħħilha turi li tassew nefqithom hi u tassew ikun sar is-*survey* li dwaru qegħda tippretendi l-ħlas. Minbarra dan, huwa stabilit ukoll li l-ispejjeż tas-*survey* iridu jkunu relatati bi proporzjon mal-volum ta' merkanzija li tirriżulta danneġġata b'nuqqasijiet jew ħsarat[30]. Dan għaliex hija biss dik il-parti tal-imsemmija spejjeż li tkun meħtieġa biex wieħed jara kemm kienet kbira l-entita' tad-dannu mġarrab mill-assikurat[31];

Illi, fil-każ li għandna quddiemna, jirriżulta li s-*survey* sar fuq kunsinna li, b'kollox kellha valur ta' £Stg 6242.27. In-nuqqas fil-konsenja kien jitla' għal £Stg 586.41. Dan

---

[27] Li jġibu € 214.30 fi flus tal-lum

[28] App. Ċiv. **15.5.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef Stafraċe noe vs Abela noe et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.147)**

[29] App. Kumm. **6.4.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Robert Staines noe vs Godwin Abela noe et*** (mhix pubblikata)

[30] P.A. PS **18.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Simon Micallef Stafraċe noe et vs Godwin Abela et noe et***

[31] App. Ċiv. **30.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Robert Staines noe vs James Gollcher noe et*** (mhix pubblikata)

ifisser li minn kunsinna sħiħa, 9.4% minnha biss kienet nieqsa. Il-Qorti, bi tħaddim tal-prinċipji hawn fuq imsemmija, tqis li l-kumpannija attriċi jistħoqqilha tiġbor €20.14[32] minn nefqa sħiħa tagħha fl-imsemmi *survey*;

Illi, mill-bqija, għar-rigward tal-ammont ta' ħsara li tagħha l-kumpannija attriċi għamlet tajjeb lill-assikurat tagħha għat-telf imġarrab, ma jidher li hemm l-ebda kontestazzjoni u l-Qorti sejra tilqa' t-tieni talba attriċi f'dak ir-rigward;

Illi għalhekk l-ammont likwidat li l-kumpannija mħarrka (bħala aġent tat-trasportatur) trid tagħmel tajjeb għaliha lill-kumpannija assikuratriċi attriċi jitla' għal elf mitejn u disgħa u disgħin euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmi (€1,299.45);

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-eċċezzjoni** tal-kumpannija mħarrka fil-kwalita' tagħha ta' operatriċi tal-*bond* privat u ssib li din ma taħti bl-ebda mod għall-ħsara minħabba nuqqas fil-konsenja mertu tal-każ;

**Tiċħad l-eċċezzjoni** tal-kumpannija mħarrka fil-kwalita' tagħha ta' aġent tas-soċjeta' estera Delamode International, trasportaturi tal-merkanzija *de qua*, u ssib li din għandha twieġeb għat-telf hekk imġarrab mill-assikurata tal-kumpannija attriċi;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-kumpannija mħarrka, bħala aġent tat-trasportatur, taħti għan-nuqqas (*short delivery*) u telf imġarrba fil-kunsinna ta' ħwejjeġ tal-ilbies u żraben li tniżżlu minn fuq il-bastiment *M.v. Ville de Mimosa* fis-26 ta' Diċembru, 1997, għal liema ħsara l-kumpannija attriċi assikuratriċi għamlet tajjeb mar-riċevitriċi assikurata tagħha;

---

[32] € 214.30 x 0.094 = €20.14

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** billi tillikwida d-danni mġarrba mill-kumpannija attriċi fis-somma ta' elf mitejn u disgħa u disgħin euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmi (€1,299.45);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** billi tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' elf mitejn u disgħa u disgħin euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmi (€1,299.45) kif fuq ingħad, bl-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mill-14 ta' April, 1999, jiġifieri minn dak inhar li l-kumpannija mħarrka laqgħet in-notifika tal-Att taċ-Ċitazzjoni, sal-jum tal-ħlas effettiv;

U tordna li l-istess kumpannija mħarrka bħala aġent tat-trasportatur, tħallas **l-ispejjeż tal-kawża,** iżda l-kumpannija attriċi għandha terfa' l-ispejjeż tal-kawża dwar il-kumpannija mħarrka bħala operatriċi tal-*bond* privat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------